*Danni kawżati minn reat kriminali*

# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 2 ta’ Marzu, 2021**

**Numru 4**

**Rikors Numru 313/17TA**

**Stephen Bonnici [K.I. Nru. 285872(M)]**

**vs**

**Peter Sammut [K.I. Nru. 275156(M)],**
**Paul Sammut [K.I. Nru. 536389(M)] u**
**David Bonnici [K.I. Nru. 570763(M)]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Attur preżentat fis-7 ta’ April 2017 u maħluf minnu stess fis-6 ta’ April 2007 li permezz tiegħu talab is-segwenti:-

“1. Illi nhar il-hdax (11) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013), waqt li l-attur kien qieghed jattendi ghal tieg tal-familja gewwa Ta’ Qali, huwa safa aggredit vjolentement u msawwat mill-konvenuti fis-sieghat bikrin ta’ filghodu;

2. Illi l-konvenuti, xjentement, volontarjament, u b’mod doluz ikkagunaw lill-attur, griehi ta’ natura gravi hekk kif jirrizulta mir-rapport datat 7 ta’ Frar, 2014 tal-Medical Imaging Department tal-Isptar Mater Dei u mic-certifikat mahrug minn Mr Massimo Abela fit-18 ta’ Frar, 2014, hawn anness u mmarkati bhala Dok SB1 u Dok SB2 rispettivament;

3. Illi b'rizultat dirett ta' din l-aggressjoni, l-attur sofra debilita permanenti;

4. Illi kawza ta' dawn il-griehi ta' natura gravi u permanenti, l-attur sofra danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans;

5. Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok SB3, sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, huma baqghu inadempjenti;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportuna:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident li sehh fis-sieghat bikrin ta' filghodu ta' nhar il-11 ta' Awwissu, 2013 gewwa Ta' Qali meta huma aggredew lill-attur u xjentement, volontarjament, u dolozament ikkagunawlu dizabbilta permanenti;

2. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, bhala responsabbli ghal-hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, inkluz it-telf ta' qliegh tieghu;

3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu d-danni hekk likwidati lill-attur;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 1248/2015 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa ngunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut David Bonnici preżentata u maħlufa minnu stess fil-11 ta' Mejju 2017 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"Illi t-talbiet attrici huma nfondati sija fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-intimat eccipjenti u ghandhom ghalhekk jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur inter alia ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati sija fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

2. Illi fil-mertu mhux minnu li l-konvenut eccipjenti ghandu xi responsabbilta` ghall-akkadut jew li kkawza danni lill-attur, tant li b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata l-1 ta' Marzu tas-sena 2017, kopja ta' liema sentenza qed tigi hawn annessa u

mmarkata Dok 'A', il-konvenut eccipjenti gie liberat mill-akkuza li kkawza griehi ta' natura gravi kontra l-attur.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma jirrispondix ghal kwalsiasi debilita` u/jew dannu li setghet giet ikkawzata mill-konvenuti l-ohra stante li l-eccipjenti ma agixxiex dolozament u l-involviment tieghu kien limitat fl-ewwel lok sabiex jipprova jikkalma s-sitwazzjoni u sussegwentement sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-attur li aggredixxa lill-konvenut eccipjenti ingustament b'daqqa ta' ponn fuq wiccu.

4. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost u f'kull kaz, fl-eventwalita` biss li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-konvenut eccipjenti huwa responsabbli tad-danni allegatament sofferti mill-attur, tali responsabbilta` ma tista' qatt tkun totali izda biss parzjali.

5. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost u f'kull kaz, fl-eventwalita` biss li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-konvenut eccipjenti huwa responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, m'hemmx lok ghall-kundanna in solidum mal-konvenuti l-ohra.

6. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur jrid igib prova sia tad-debilita` permanenti kif ukoll tad-danni li jallega li huwa sofra, stante li dawn huma kkontestati.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Peter u Paul Sammut preżentata u maħlufa minn Peter Sammut fis-17 ta' Mejju 2017 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija preskritta bi preskrizzjoni ta' sentejn zmien;

2. Illi fit-tieni lok dak espost fid-dikjarazzjoni guramentata tal-attur ma' ghandux mis-sewwa in kwantu l-eccipjenti ma kkagunaw ebda danni lill-attur kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi;

3. Illi l-attur ghandu jgib il-prova li effettivament sofra xi danni rizultanti mill-incident minnu allegat;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Bl-ispejjez."

Rat in-nota tal-konvenuti Sammut preżentata fid-9 ta' Ottubru 2017 (a' fol 76) li permezz tagħha irtiraw l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata minnhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Jannar 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** Dawn il-proċeduri huma riżultat ta' ġlieda li seħħet bejn il-partijiet fil-parkeġġ tal-Park Nazzjonali, Ta' Qali wara li spicca riċeviment ta' tieġ.

**2.** Il-konvenut David Bonnici huwa z-ziju tal-Attur, filwaqt li l-konvenut Peter Sammut huwa missier il-konvenut l-ieħor Paul Sammut. Dan ta' l-aħħar kien, fiż-żmien din il-ġlieda, l-għarus ta' bint l-istess konvenut David Bonnici. Illum dawn huma miżżewġin (affidavit Stephen Bonnici a' fol 19 para 1; affidavit David Bonnici fol 197 para 1, 4 u 5; affidavit Peter Sammut fol 203 para 1; affidavit Paul Sammut fol 209 para 1).

**3.** L-Attur Stephen Bonnici u l-Konvenut David Bonnici kienu mistednin għal dan it-tieġ billi huma qraba tal-għarusa. Il-konvenut Paul Sammut kien ukoll mistieden peress li l-għarusa tiegħu tiġi mill-għarusa. Il-konvenut Peter Sammut ma kienx mistieden għat-tieġ (affidavit Stephen Bonnici a' fol 19 para 1; affidavit

David Bonnici fol 197 para 1; affidavit Peter Sammut fol 203 para 1; affidavit Paul Sammut fol 209 para 1).

**4.** Din il-konfront aggressiv fil-parkegg sehh b'konsegwenza ta' skontru li seħħ mumenti qabel waqt l-istess riċeviment bejn il-konvenut Paul Sammut u Daniel Bonnici. Dan ta' l-aħħar huwa ħu l-attur Stephen Bonnici, għalhekk jiġi bl-istess mod huwa n-neputi tal-Konvenut David Bonnici.

**5.** Irid ukoll jinghad li dak li ta lok għal dan l-iskontru kienu xi tfiegh ta' botti u inkejja da parti ta' Paul Sammut, lill-Attur u wara lil ħuh, apparti li beda jmiss xahar u ras kemm tal-Attur u anke ta' ħuh. F'dan l-iskontru, il-Konvenut Paul Sammut spiċċa mitfugħ mill-istess Daniel Bonnici fil-vaska li kien hemm f'dan il-park (affidavit Stephen Bonnici a' fol 19 para 4; affidavit David Bonnici fol 197 para 2; affidavit Paul Sammut fol 209 para 2 u 3).

**6.** Minħabba dan l-iskontru l-uffiċjali nkarigati mis-sigurtá tal-post ċemplu lill-Pulizija u talbu l-assistenza tagħhom. Żewġ uffiċjali tal-Pulizija PS1195 Conrad Debattista u PS1021 Christian Cauchi ġew fuq il-post iżda ddeċidew ma jidħlux fil-park sabiex ma jfixklux il-prosegwiment tar-riċeviment. Minflok ftehmu mal-bestman u talbuh jikkontrolla s-sitwazzjoni hu (xhieda PS1195 Conrad Debattista fol 108, rapport tal-Pulizija fol 114 u xhieda PS1021 Christian Cauchi fol 117). Sa dak il-ħin Daniel Bonnici kien diġa telaq mil-post tar-riċeviment (rapport tal-Pulizija fol 114, xhieda PS1021 Christian Cauchi fol 117). Jidher li l-bestman talab lil-Konvenut Paul Sammut sabiex hu wkoll joħroġ mir-riċeviment u jmur lejn id-dar.

**7.** Il-konvenut Paul Sammut u l-għarusa tiegħu, flimkien ma ommha Dorothy u missierha l-konvenut David Bonnici, ftehmu li jitilqu mit-tieġ. Il-Konvenut Paul Sammut, għal raġunijiet mfissra mill-istess konvenut David Bonnici fix-xhieda tiegħu, ma xtaqx li jkunu l-ġenituri tal-għarusa tiegħu li jwassluh id-dar (a' fol 265 ). Għalhekk, l-għarusa tiegħu kkuntatjat lill-ġenituri tal-istess Paul Sammut sabiex imur lura d-dar magħhom (affidavit David Bonnici a' fol 197 para 3, affidavit Dorothy mart il-Konvenut Bonnici a' fol 199A para 9; affidavit Peter Sammut a' fol 203 para 1, affidavit Daphne Sammut fol 205 para 4, affidavit Carmen Sammut omm u mart il-konvenuti Sammut a' fol 207 para 1 u 2).

**8.** Il-konvenut Paul Sammut flimkien mal-għarusa tiegħu u l-ġenituri tagħha ħarġu mir-riċeviment lejn il-parkeġġ hekk kif wasslu l-ġenituri tiegħu, jiġifieri l-Konvenut Peter Sammut u martu Carmen. Meta dawn ltaqgħu l-ġenituri tal-Konvenut Paul Sammut staqsew x'ġara lil binhom. F'dawn il-minuti li għaddew sakemm qagħdu jirrakkuntawlhom x'ġara, ħareġ mill-post tar-riċeviment l-attur Stephen Bonnici flimkien mal-familjari tiegħu. Kien f'dan il-mument li seħħet il-ġlieda mertu ta' din il-kawża bejn, inter alia, l-Attur u l-Konvenuti (xhieda PS1195 Conrad Debattista a' fol 109; xhieda PS1021 Christan Chetcuti a' fol 117, affidavit David Bonnici a' fol 197 para 4 u 5, affidavit Dorothy mart il-Konvenut Bonnici a' fol 199A para 10 u 11, affidavit Carmen Sammut omm u mart il-konvenuti Sammut a' fol 207 para 5 u 6; affidavit Paul Sammut fol 209 para 4 u 5).

**9.** Fuq l-andament ta' din il-ġlieda l-Qorti ingħatat verżjonijiet differenti u konfliġġenti. Iżda joħroġ inkontestat li l-istess damet biss ftit ħin billi ġiet imwaqqfa mill-uffiċjali tal-Pulizija wara li użat il-pepper spray fuq il-partijiet involuti (ara xhieda PS1195 Conrad Debattista fol 109 u xhieda PS1021 Christian Cauchi fol 117 faċċata 2).

**10.** Il-Pulizija ħarġet akkużi fil-konfront ta' kull min kien involut f'din il-ġlieda, inkluż l-attur u l-konvenuti (ara xhieda tas-Supretendent Sarah Magri a' fol 131 faċċata 2). Il-proċeduri kriminali ġew konklużi fil-konfront ta' l-Attur b'sentenza datata 12 ta' Frar 2015 (a' fol 33) li gie illiberat u dawk fil-konfront tal-Konvenuti b' sentenza datata 1 ta' Marzu 2017 (a' fol 36), it-tnejn mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li nstabu hatja ta' uħud mill-akkużi.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**11.** Il-punti tal-liġi huma ċari. L-attur qiegħed jipproponi l-azzjoni aquliana u cioe` l-**azzjoni** għar-rimedju ġenerali għar-riżarċiment ta' danni kawżati b'mod kolpuz. Għalhekk, id-danni li qiegħed igħid li sofra l-attur, għandhom in-ness kawżali tagħhom marbutin intrinsikament mal-aġir kolpuż tal-konvenuti tant li fiċ-ċitazzjoni jippremetti li "kien aggredit b'mod vjolenti mill-konvenuti" fid-data fuq imsemmija.

**12.** Fit-tieni lok l-attur qiegħed jippretendi li l-konvenuti jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu d-danni fit-termini ta' dak li jistipula l-artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement ikkundannati iħallsuh id-danni.

**13.** L-artikoli tal-liġi rilevanti għall-każ huma 1031 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Kull persuna trid twieġeb għall-ħsara li ġġib lil ħadd ieħor b'għemilha. Fir-rigward ta' dawn iż-żewg artikoli ingħad li, meta l-att inissel danni extra-kontrattwali, b'konsegwenza ta' għemil delittwali u kolpuż, skont it-tagħlim ta' dawn il-Qrati "Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilita` speċjali in rigward għall-evitabilita` tal-ħsara." (ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Philip Sciberras tat-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Michael D'Amato pro et -vs- Filomena armla ta' Joseph Spiteri**).

**14.** B'din il-Kawża l-attur qiegħed jipproponi l-azzjoni għar-rimedju ġenerali għar-risarċiment ta' danni kawżati b'għemil kolpuż. Dan irid jiġi pprovat, u dan sta għall-Attur li jagħmlu. Dan qed jingħad fir-rigward tan-ness jew rabta tad-danni intrinsikament mal-għemil kolpuż tal-Konvenut (ara **Vol.XLI.I.800**). Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li "Kif inhu sew magħruf id-dolo, flimkien mal-kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili bħala element soġġettiv ta' l-illeċitu u għalhekk iservi hu wkoll bħala kriterju ta' imputabilita` tar-responsabilita' ċivili." ( ara **Sentenza Qorti tal-Appell Inferjuri tas-7 ta' Frar 2007 fl-ismijiet Joseph Cassar et -vs- Lawrence Castagna et**).

**15.** Fil-każ inkwistjoni ġew anke esebiti żewġ Sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura inkonnessjoni mal-akkadut mertu tal-Kawża odjerna, fejn l-Attur ġie liberat mentri l-konvenuti ġew misjuba ħatja ta' rejat

minuri ħlief għall-konvenut Paul Sammut li instab ħati u fost oħrajn ta' ferita ħafifa ( ara a' fol 68).

**16.** Kif ġie kemm-il darba ribadit (anke fin-nota tal-Konvenut Bonnici a' fol 292), il-proċeduri kriminali m'għandhomx impatt determinanti u ma jinċidux fuq il-jedd tal-Attur li jinqeda bir-rimedju ċivili mogħti bl-azzjoni hawn istitwita. Difatti l-azzjoni ċivili ma tiġix sospiża sakemm tiġi determinata l-ħtija tal-akkużat u tista' tirnexxi anke jekk l-akkużat jiġi liberat fil-proċess kriminali. Dan minħabba li l-piż tal-prova rikjesta f'kull waħda minnhom huwa differenti: F'azzjoni ċivili, l-qorti hija msejħa biex, fuq l-iskorta tal-provi mressqa quddiemha ai termini tal-artikolu 562 tal-Kap. 12, tiddeċiedi tilqax jew le t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-konvenut <u>fuq bażi ta' probabbilitá</u>. F'azzjoni kriminali, l-qorti hija msejħa biex tiddeċiedi, fuq l-iskorta tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, jekk l-akkużat huwiex ħati <u>oltre d-dubju dettat mir-raġuni</u> u għandha tilliberah jekk jissussisti dan id-dubbju.

**17.** Din id-distinzjoni hija riflessa fi tlett artikoli tal-Kodiċi Penali:

i) l-imsemmi artikolu 3 li espressament jissepara ż-żewġ azzjonijiet;

ii) it-tifsira ta' azzjoni kriminali taħt l-artikolu 4(1) bħala waħda mhux privata, jiġifieri tal-vittma (bħalma hi azzjoni ċivili li hija azzjoni privata tal-attur), iżda "*essenzjalment pubblika*" li "*tmiss lill-Istat u titmexxa fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew tal-Avukat Ġenerali, kif ikun il-każ skont il-liġi*"; u

iii) dak li jiddisponi l-artikolu 6 tal-Kap. 9 li "*l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jtmexxew indipendentement waħda mill-oħra*"

"*Il-Ligi tagħna tagħmel distinzjoni netta bejn iż-żewg tipi ta' azzjoni li jitnisslu mill-istess reat iżda jimxu indipendentement minn xulxin, bi kriterji differenti li japplikaw għall-piż probatorju. Fil-kamp kriminali l-prova trid tkun oltre kull dubbju raġjonevoli filwaqt li fil-kamp ċivili huwa biżżejjed li l-prova ssir skont il-grad inqas rigoruż tal-bilanċ ta' probabilita'.*

*Għaldaqstant hija wisq possibbli li akkużat li jinħeles mill-akkużi miġjuba kontrih fil-forum kriminali minħabba li l-prosekuzzjoni ma tkunx ippruvat il-każ sal-grad rikjest xorta jinstab li hu responsabbli għad-danni fil-forum civili.*

*Din id-distinzjoni ssib espressjoni elokwenti u sempliċi fl-artikolu 3 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. ... Minn dan l-artiklu jitnissel ukoll l-iskop ewlieni taż-żewġ toroq proċedurali, is-sejba ta' ħtija tal-akkużat, u l-ħlas tal-ħsara kkaġunata bir-reat rispettivament.*" (**Carmel Aquilina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 31 ta' Jannar 2019) u ara wkoll Trattato breve delle Responsabilita` Civile, Giovanni Visitini, Ed. 1996, Pg 66 u 67).

**18.** Madanakollu u minkejja li ż-żewġ proċeduri għandhom jinżammu separati, il-ġudizzju in sede penale u l-atti, dokumenti u x-xhieda kollha mressqa quddiem din is-sede, jistgħu jinġiebu bħala prova fil-proċeduri ċivili sabiex dik il-Qorti, fis-sede ċivili tagħha, tikkunsidrahom flimkien mal-bqija tal-atti, dokumenti u x-xhieda l-oħra mressqa quddiemha:

"*Fid-decizjoni li tat din il-Qorti diversament ippreseduta fl-1 ta` Dicembru 1955 fil-kawza '***Carmelo Camilleri vs Gejtu Cassar***' inghad hekk:-*

*illi huwa veru li, in vista tal-indipendenza ta` l-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-provi testimonjali prodotti fil-proceduri kriminali ma jistghux jigu utilizzati ghall-finijiet tal-kawza civili, jekk ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet, izda skond il-gurisprudenza f` din il-materja, dan id-divjet huwa applikabbli fil-kaz ta` provi testimonjali li ma jkunux gew riprodotti fil-kawza civili (Kollez XXVI-I-885 u XXIX-I-811) b` mod illi, jekk dawn il-provi jergghu jingiebu fil-proceduri civili, kif inhu l-kaz, xejn ma ghandu jimpedixxi lill-Qorti Civili li, ghall-fini tal-konfront u tal-attendibbilita` ta` dawk il-provi, taghmel uzu anki mill-provi migjuba quddiem il-Qorti Kriminali. Mill-principju sancit fl-art 6 tal-Kodici Penali Malti, jigifieri tal-indipendenza tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni civili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti u dawk tal-azzjoni kriminali, anki ex integro, quddiem il-Qorti Kriminali, pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi ghall-fini tal-attendibilita` taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformement ghar-regola generali relattiva ghall-provi, tista` tigi prodotta f` kawza civili, li tkun ghada pendenti, kopja awtentika ta` sentenza moghtija minn Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti u dan anki in forza ta` l-artikolu 627(1)(e) tal-Kodici tal-Procedura Civili. F` dan is-sens hija l-gurisprudenza taghna (Kollez VI pag 143, col 2da). Del resto, jidher illi l-legislatur huwa favorevoli ghall-konfront tad-diversi dikjarazzjonijiet maghmula mix-xhieda kif jirrizulta mill-art 583 u 585 (1) tal-Kodici fuq imsemmi.*" (**Angelo**

**Xuereb et vs L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), 30 ta' Mejju 2017**).

## Konsiderazzjonijiet

**19.** Fir-rikors ġuramentat tiegħu l-pretensjonijiet tal-Attur huma fis-sens li ġarrab ġrieħi ta' natura gravi u permanenti. Skont din il-Qorti, id-definizzjoni ta' permanenza ta' ġrieħi fil-kamp ċivili mhux bil-fors dejjem tkun koċentrika ma' dik tal-Kodiċi kriminali. Kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, l-azzjoni kriminali u dik ċivili huma awtonomi u indipendenti minn xulxin. Dak li jinsab ħati jew ikun illiberat minnu l-persuna fil-kamp penali mhux neċessarjament ifisser li ser ikollu l-istess risultat fil-kamp ċivili.

**20.** Saret prassi li l-azzjoni ċivili ma tiġix intavolata jew tkun sospiża pendenti l-proċeduri kriminali li jkun inbdew kontra l-persuna li tkun allegatament ikkawżat il-ħsara. Fis-sewwa, dawn iż-żewġ azzjonijiet tant huma awtonomi minn xulxin, li ma hemm xejn xi jżomm li l-azzjoni ċivili tibda u tispicca qabel ma jkunu terminati l-proċeduri penali, anke jekk il-konvenut fil-kawza ikun qieghed jirrifjuta li jwieġeb għal xi mistoqsijiet li jsirulu minħabba li ma jkunx irid jinkrimina lilu nnifsu. F'dan ir-rigward jista' jingħad ukoll, li għalkemm l-Attur ikun qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura permanenti, mhux neċessarjament ikun ifisser, li tali ġrieħi jistgħu ikunu klassifikati bħala gravi ai fini ta' proċeduri ċivili. Huwa biżżejjed li l-permanenza tkun naqqset mill-potenzjalita' ta' qliegh futur.

*<u>Responsabbilita</u>*

**21.** Bħal ma tipikament jiġri f'ċirkostanzi simili fejn ikollok żewġ familji involuti, in-narrattiva tal-fatti ta' kif seħħ l-akkadut, dejjem ikollok aktar minn versjoni waħda, ħafna drabi dijametrikament opposti għal xulxin. Dawn il-Qrati jgħallmu, fuq skorta twila ta' esperjenzi umani li ilhom jiġu quddiemhom għal snin twal, li *"Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"* (ara **Sentenzi tal-Prim Awla fl-ismijiet Carmelo Farrugia -vs- Rokku Farrugia tal-24 ta' Novembru 1966 u kif ukoll dik tal-PA tal-5 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet Pawlu Farrugia pro et -vs- Carmelo Farrugia et**).

**22.** Jiġi osservat ukoll li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għal prinċipju *li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* (ara Sentenza **App. Inf fl-ismijiet Anthony Camilleri -vs- Maurice Cauchi et tat-22 ta' Novembru App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru tal-2002**). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju rajonevoli, fil-kamp ċivili huwa

biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali rikjesta f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet (ara **Vol.LXX.II.144**). Mera possibilita' mhux suffiċjenti biex tirradika r-responsabilita' ċivili.

**23.** Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li din il-Qorti ser tqis u tiżen il-versjonijiet żvarjati li għandha quddiemha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma tantx hemm xi tgħid dwar minn jaħti għall-inċident inkwistjoni u ssibha diffiċli li tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tal-Maġistrat Josette Demicoli fil-kawża kriminali kontra l-konvenuti.

**24.** Taqbel ukoll ma dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li l-persuna li wassal għall-inċident li żvolġa fl-aggressjoni fil-parkeġġ ta' fejn sar it-tieġ, kien il-konvenut Paul Sammut. Il-Maġistrat Carol Peralta josserva li "*Dan huwa kaz ta' provokazzjoni estrema min-naha ta' Paul Sammut mill-bidu tat-tieg*." (A' fol 34). Minkejja li t-tieni Sentenza fil-konfront tal-Konvenuti, ingħatat ġimgħatejn wara u minn Maġistrat differenti, dik il-Qorti ukoll ħasset li kellha tagħmel referenza għal żewġ inċidenti. Dik il-Qorti osservat, li fl-ewwel inċident jirrisulta li "*Paul Sammut, wiehed mill-imputati odjerni, taptap fuq ras Daniel Bonnici diversi drabi u dan l-ahhar urieh li kien qieghed idejqu. Sa fl-ahhar spicca fil-vaska u kif hareg huwa u Daniel Bonnici gew fl-idejn*" (a fol 44).

**25.** Din il-versjoni tinsab ukoll fl-atti odjerni. Li l-konvenut prova jaqbad ma' Daniel Bonnici jirrisulta anke *ex-admissis* mill-Konvenut Paul Sammut stess li fil-versjoni li ta lill-Pulizija *a tempo vergine* tniżżel, li "*Paul Sammut stqarr li waqt*

*li kien it-tieg beda jaqbad ma' Daniel Bonnici fejn dan talbu biex ma jmissux u ftit wara qabad u tefghu fil-funtana*" ( ara a' fol 115). Ix-xhud Godfrey Bonnici jixhed hekk:

"**Xhud**: *Mela dhalt flimkien ma' Stephen ghax tlajna flimkien, U maghna kien hemm ukoll Jimmy Agius li jigi r-ragel t'ohti u t-tfal tieghu. U morna fuq mejda, u konna hemm hekk insomma. Fil-waqt Paul gie u provoka lil Stephen xi tlett darbiet. Jekk niftakar sewwa*.

**Dr. Alan Zerafa**: *B'liema mod provokah?*

**Xhud**: *Darba minnhom gie immellislu rasu, Darba ohra gie, kellna platt, gie il-waiter u tefghuhulu quddiemu u qallu kul ja mejjet bil-guh*."

**26.** Din il-versjoni hija fil-fatt ikkorroborata minn ċirkostanzi oħra li jemerġu mill-proċess. Di piu', tajjeb li jkun puntwalizzat, li ma jistax jingħad li r-relazzjonijiet taż-żewġ fergħat tal-istess familja kienu ottimi anzi kienu tabilħaqq aċerbati minħabba relazzjonijiet ħżiena ta' negozju. F'dan ir-rigward, tant biex l-aġir tal-konvenut Paul Sammut, jitqiegħed fil-perpespettiva ġusta, il-Qorti tfakkar, li dak iż-żmien kien għarus lit-tifla ta' David Bonnici, wieħed mill-konvenuti u z-ziju tal-Attur. Dan il-konvenut l-ieħor kellu diversi diverbji man-naħa tal-familja tal-Attur. Di fatti fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2020 il-konvenut David Bonnici jispjega kif kienu qegħdin jagħmlu minn kollox biex itajruh 'l barra minn negozju u li għamel kawża biex jipprova joħroġ mill-kumpanija u ma jridux iħalluh. Sa rapporti foloz jallega li saru kontra tiegħu (ara xhieda in kontro eżami David Bonnici a' fol 206 sa 207). Il-Qorti issibha diffiċli ħafna li l-konvenut Paul

Sammut ma kienx jaf b'dan kollu fil-mument li beda jtaptap fuq ras u anke jinki lill-Attur.

**27.** Safejn jirrigwarda l-ġlieda li saret fil-parkeġġ, din il-Qorti ma għandhiex wisq diffikulta' biex ma temminx il-verżjoni tal-konvenuti. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ix-xhieda estraneji u li ma għandhom minn ħadd jakkwistaw valur probatorju qawwi. Fost dawn ix-xhieda kien hemm il-pulizija li fost oħrajn xehedu li raw lill-konvenut u lill-missieru javviċinaw lill-Attur u lill-missieru (ara xhieda PS Christian Camilleri a' fol 117 tergo). Dan jikkontrasta sewwa ma' dak li xehed il-Konvenut David Bonnici meta qal li kien l-Attur li avviċinahom (ara xhieda 197). Di piu', PC Conrad Debattista jixhed li jiftakar jara lill-Attur jaqla' d-daqqiet fuq vettura (ara xhieda a' fol 109 tergo). Di fatti, kemm Marvic Bonnici u ukoll kif Maria Dolores Bonnici jixhdu li raw lill-Konvenuti jsawwtu lill-konvenut ġo wiċċu u jkissrulu n-nuċċali meta tefgħuh fuq karrozza (a' fol 86 u 89). Din ix-xhieda għalhekk hija korraborata minn dik tal-Pulizija aktar 'l fuq.

**28.** Fil-fatt anke il-Maġistrat Josette Demicoli, fl-apprezzament tajjeb tal-fatti li għamlet fis-Sentenza, tasal biex temmen il-versjoni tal-Pulizija u mhux tal-parti. Xhud estraneju, u aktar u aktar meta jkun uffiċjal pubbliku u ma jiġix minn ebda waħda mill-partijiet għall-kawża, ma għandu ebda raġuni għalfejn jżejjen, inaqqas jew ma jsemmiex dak li ra b'għajnejh. Minn naħa l-oħra, kull parti u xhieda li jiġu minn xulxin, anke jekk ma jkunux iridu, hemm probabbilita' li jaslu biex jesaġeraw jew jammortizzaw il-fatti mingħajr ma jridu.

**29.** Il-konvinċiment tal-Qorti li l-konvenuti jaħtu għall-inċident u għalhekk għandhom jwieġbu għad-danni sofferti mill-Attur ikompli jikber għal diversi raġunijiet oħra. Il-fatt li l-konvenut Paul Vassallo ma marx lura d-dar bil-kwiet u ħalla li jiġi missieru fuq il-post u ċioe' l-konvenut l-ieħor Peter Sammut. Il-fatt tar-retroxena dwar diżgwid u ġlied dwar negozju. Dan u martu żgur ma marrux fuq il-post biex jifirħu lill-għarusa għax l-anqas biss kienu mistednin. Il-fatt li l-Attur ma kienx involut fl-ewwel inċident u di piu' kien qiegħed jimbotta tarbija f'push chair u li għalhekk mhux raġjonevolment mistenni li jidħol f'xi miskja ta' ġlied bir-riskji li din iġġib magħha. L-Attur li rresista b'sabar l-inkejja tal-konvenut Paul Sammut waqt il-ġlied ma kellu ebda raġuni li jkun hu li jagħti bidu għall-inċident fil-parkeġġ.

**30.** Il-problemtika tqum min mill-konvenuti għandu jwieġeb jekk ħadd ma jista' jkun identifikat minn eżattament ta d-daqqiet, għalkemm huwa paċifiku li dawn ingħataw. Dana ma jfissirx b'daqshekk li kull wieħed mill-Konvenuti ma għandux iwieġeb għal għemilu. Ifisser, li l-fatt li pparteċipaw fl-aggressjoni, u dan kif xehed il-Kuntistabbli fuq imsemmi, li ilkoll flimkien u solidalment huma responsabbli u jridu jwieġbu għall-għemil tagħhom. Dwar din is-sitwazzjoni intqal hekk: *"la complicita civile e` piu` estesa dalla penale ed abbraccia qualunque cooperazione al danneggiamento siavi stato o no concerto precedente"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Carmelo Xuereb et -vs- Giovanni Micallef et , Appell Ċivili, tas-26 ta' Novembru 1923**).

**31.** Dan it-tagħlim huwa kompatibbli ma' dak li jiddisponi il-liġi u ċioe':

*Artikolu 1049 (1) Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsarahija in solidum.*

*(2) Meta xi wħud minn dawn ikunu mxew dolożament, u oħrajn le, dawk tal-ewwel huma kollha obbligati in solidum, u kull wieħed mill-oħrajn huwa obbligat biss għal dik il-biċċa tal-ħsara li huwannifsu jkun ikkaġuna.Meta l-biċċa tal-ħsara li ssir minn persuna waħda jew iżed ma tistax tiġi stabbilita.*

*u*

*Artikolu 1050. (1) Jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn dawk li jkunuħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi wħud minnhom ma jkunux imxew dolożament, bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn.*

**32.** Dwar din il-parti tal-ligi fis-**Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012 fl-ismijiet Martin Xerri -vs- Joseph Rapa et, il-Qorti tal-Appell** qalet hekk:

"*Il-konvenut Carmelo Rapa fit-twegiba tieghu jghid illi s-solidarjetà tohrog mhux mill-komplicità fl-"incident" izda minn komplicità fl-att li jaghmel il-"hsara", u minn hekk jislet argument illi ladarba hu ma kellux sehem fid-daqqa ta' brick li ghamiet lill-attur, mela ma jwegibx ghall-hsara li ghamlet dik id-daqqa.*

*Dan l-argument tal-attur huwa hazin. L-art. 1049(2) jghid car illi huwa biss min ma jkunx mexa dolozament illi jwiegeb "biss ghal dik il-bicca tal-hsara li huwa nnifsu jkun ikkaguna", u li ghalhekk ghar-responsabilità tieghu tkun mehtiega l-prova tal-kawzalità, i.e. illi l-hsara jkun ikkagunaha hu.  Min izda jkun mexa*

*dolozament iwiegeb ukoll ghall-hsara ikkagunata minn min ikun mexa bl-istess hsieb doluz tieghu. Ma hemmx dubju illi z-zewg konvenuti mxew dolozament*" (ara ukoll **Sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2013 fl-ismijiet John Fitz** u **Sentenza fl-ismijiet Shirley Gauci -vs- L-Avukat Anthony Rutter Giappone PA tat-18 ta' Ottubru 2003 per Imħallef Anthony Ellul**).

**33.** Il-Qorti taqbel ma dan it-tagħlim u ser tapplikah.

*Danni sofferti*

**34.** Jibda biex jingħad li f'każ ta' risarċiment ta' danni bħal dak li qed jitlob l-Attur fiċ-ċirkostanzi l-prinċipju bażiku huwa dak li dan jitqiegħed fil-posizzjoni li kien qabel l-inċident. Ftit kliem huwa applikabbli l-prinċipju tar-*restitutio ad integrum.* (Ara **Sentenza tal-Prim Awla per Imħallef Lino Farrugia Sacco tal-5 ta' April, 2011 fl-ismijiet Mario Caruana -vs- Marsovin Limited**).

**35.** Artikolu 1045 (1) jistabilixxi x'tip ta' danni għandu jwieġeb għalihom il-persuna li tkun responsabbli għall-inċident li jkun ikkawża bi ħsara għal ħadd ieħor.

**36.** Dwar id-*damnum emergens*, u ċioe' sa fejn jirrigwarda telf attwali fil-każ odjern, ma tantx hemm fhiex wieħed jitfixkel. L-Attur jippretendi l-ammont ta' tlett mija u disgħin ewro (€390) konsistenti fil-valur ta' nuċċali ġdid peress li dak li kellu qabel ma setax jissewwa (ara dokumenti a fol 22 u a' fol 23). B'dana kollu din il-Qorti mhux ser tkun qegħdha tilqa' din it-talba u dan peress li l-provi imressqa ma humiex suffiċjenti biżżejjed.

**37.** Sa fejn jirrigwarda dawn l-ispejjes l-Attur ma jgħidx li għamilhom. Kull ma jgħid fl-affidavit tiegħu hu, li kissrulu n-nuċċali u jirreferi għal Dok SB 5 li lanqas huwa datat. Di piu, id-dokument esebit mill-Attur dwar dan in-nuċċali l-Qorti ma tistax tifhem, kif fil-waqt li fuqu hemm indikat Optika 8/19/2013 fl-istess ħin l-istess dokument jindika li "Ordered on: **12/21/2012**" meta l-inċident seħħ fil-11 ta' Awissu 2013! ( emfażi tal Qorti, a' fol 23). Dan ifisser li din it-talba mhux ser tinlaqa'.

**38.** Il-Qorti issa ser tgħaddi biex tqis il-*lucrum cessans.*

**39.** F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim Awla per Imħallef J R. Micallef** fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

**40.** Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita' dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

**41.** Li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li,

safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet.

**42.** B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident bħal ma fil-fatt huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

**43.** Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

**44.** Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly

because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128** ).

**45.** Illi huwa stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident kif diġa; aċċennat aktar 'l fuq.

**46.** Illum huwa wkoll aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967.*

*F’dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni.*

*Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta’ April, 1963** kienet qalet hekk: "f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.*"

**47.** Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump “sum payment”. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta’ 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f’dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali [ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta’ Lulju, 2001**].

**48.** Fil-kawża tal-**Prim Awla Caruana vs Camilleri PA 5 ta’ Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta’ dewmien. Ġie wkoll propost li m’għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: “jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m’għandux

ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction” – (ara **Agius vs Fenech 29 ta’ Ottubru, 2003). Fil-kawża tal-Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta’ Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet **Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta’ Marzu tal-1999 u Caruana A vs Camilleri O App Ċiv Sup tas-27 ta’ Frar 2004,** minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b’10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-kawża **Galea vs Piscopo PA 3-Ott-2003, 5% f’Scicluna vs Meilaq PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawżi Turner vs Agius App Ċiv Sup 28-Nov-2003, Bonnici vs Gauci PA 15-Sett-1999** meta għaddew 15-il sena, **f’Zammit vs Zahra PA 20-Jan-2005 meta għaddew 17-il sena, u Schembri vs Caruana Kum 20-Apr-1990** meta għaddew 19-il sena).

**49.** Din il-Qorti tħoss li l-lump sum payment ai fini ta’ kalkolu ta’ danni dan il-prinċipju mhux ser ikun applikat, partikularment fid-dawl tal-entita’ pjuttost żgħira tal-perċentwal ta’ diżabilita’ permamenti. Mhux hekk biss, iżda fid-dawl taċ-ċirkostanzi li ser jissemmew aktar tard, l-anqas is-somma kif komputata mill-Attur fin-nota ta’ osservazzjonijiet tiegħu abbażi ta’ prinċipji stabbiliti minn dawn il-Qrati ma ser tkun akkordata kollha.

**50.** Tajjeb li jiġi rilevat, li l-Qrati tagħna dejjem irritenew, li ma jistax ikun iddubitat, li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittattiva. F’deċiżjoni li tinsab **f’Vol. XXXV P. III p.615** tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta’ dawn il-Qrati, ġie segwit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta’ Cassazzioni li “vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e’ rimesso al Magistrato il-valutare ‘ex

aequo et bono' second i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato". Ovvjament, il-likwidazzjoni ta' danni abbażi ta' dan il-prinċipju, mhux faċli li jkun ekwivalenti għal-likwidazzjoni ta' danni ben stradati fuq provi proċesswali li jwasslu għall-komputazzjoni matematika, li solitalment jirrikorru għaliha dawn il-Qrati ai fini ta' kalkolu preċiż fuq formuli żviluppati maż-żmien bis-saħħa ta' sentenzi fuq il-materja.

**51.** Din il-Qorti temmen, li dan il-prinċipju huwa ukoll applikabbli għall-każ fejn għalkemm ikun hemm provi li jistgħu ikunu matematikament aċċertabbli skont il-formuli ġurisprudenzjali li evolvew maż-żmien, il-Qorti xorta tista' tapplika l-prinċipju ekwitattiv. Dan qed jingħad ukoll fid-dawl li "*huwa perċentwali ta' diżabilita' dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba"* (ara sentenzi supra). Dan ifisser, li l-perċentwali tal-eżami mediku, mhux bil-fors li l-perċentwali tal-apprezzament mediku ta' persuna ser neċessarjament isib rifless fil-qliegħ futur tal-persuna.

**52.** Dwar ix-xorta ta' ħsara li sofra l-Attur, jemerġu ċertu fatti li jagħtu lok li din il-Qorti ma timxix mas-soliti normi stabbiliti minn dawn il-Qrati li fuqhom mexa l-Attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu. Il-Qorti tosserva li skont ir-rapport tal-Perit mediku inkarigat mill-Qorti, u ċioe', Anthony Galea Debono, il-perċentwal ta' diżabilita huwa biss ta' tnejn fil-mija (2%). Perċentwal li huwa kważi negliġibbli. Dan qed jingħad peress li dawn il-Qrati jinjoraw għal kollox perċentwali ta' wieħed fil-mija (1%) abbażi tal-prinċipju *de minimis non curat lex.*

**53.** Dwar ix-xorta ta' ġrieħi li sofra l-Attur tagħmel ukoll dawn l-osservazzjonijiet:

1. fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-2 ta' Frar 2015 (a' fol 222), it-tabib Abela xehed bil-kontra u qal li "*L-iżlogattura reġa' rriduċija hu waħdu migħajr ma kellu bżonn jmur l-Isptar għaliha*" ( a' fol 222).

2. L-MRI scan saret biss fis-7 ta' Frar 2014 (fol 5), jiġifieri ben sitt xhur wara l-allegat reat kommess fil-11 t'Awwissu 2013, fuq riferiment tat-tabib personali tal-attur Mr. Massimo Abela (ara xhieda a' fol 194). Minn dan l-MRI scan irriżulta li spalltu la kienet żlogata u wisq inqas miksura iżda kellha biss suspett ta' difett konsistenti f' "an interior labral tear" u "Slap tear". Fil-fatt l-espert mediku maħtur mill-Qorti ikkonkluda li "***m'hemmx evidenza li [l-attur] kellu dizlokazzjoni ta' l-ispalla***" u għadda biex jistma diżabilta ta' 2% kawżata unikament minn dan id-difett kif joħroġ mill-imsemmi MRI scan (ara fol 123). Iżda kif iddikjara it-tabib personali tal-attur stess Mr. Massimo Abela fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali, "***m'għandix garanzija li l-ħsara kollha saret dak inhar tal-inċident*** *u ma kinitx hemm minn qabel. Jiġifieri dik xi ħaġa li qalli hu, Mr. Bonnici.*" (fol 223). Inoltre, l-istess tabib ukoll jgħid li dan id-difett ma jtellifx lill-attur milli jibqgħa għaddej biex xogħol/impjieg tiegħu u dan peress li "*l-evidenza turi li ħafna nies li jkollhom, li jkun prone għal current dislocations meta jagħmlu xogħolhom peress illi qed jużaw il-*

*muskoli b'mod normali l-ispalla tibqa' f'postha. Meta jkunu aljenati u jiġu biex jagħmlu moviment mhux tas-soltu taf toħroġilhom minn postha*" (ara xhieda a' fol 225).

3. Mal-espert mediku maħtur mill-Qorti l-Attur "ilmenta minn uġieh ta' ċertu severitá" (fol 123). B'dana kollu minn mindu seħħet il-ġlieda sakemm ingħalqu l-provi attriċi, kienu biss tlett darbiet li l-Attur mar jilmenta b'xi forma ta' uġigħ mat-tabib personali tiegħu Massimo Abela: fis-27 ta' Awwissu 2013 (ġia kkunsidrat supra). Kważi sitt xhur wara preċiżament fit-18 ta' Frar 2014, ġie riferut għand il-konsulent speċjalizzat fuq l-ispalla Mr John Casaletto biex jikkonsidra lill-Attur għall-operazzjoni (ara ċertifikat a' fol 9 u xhieda tat-tabib Abela quddiem din il-Qorti a' fol 193 u quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) a' fol 222). Iktar minn tlett snin wara fil-mori ta' dawn il-proċeduri, preċiżament fid-9 ta' Ġunju 2017, ġie riferut għal MRI scan oħra, din id-darba ta' għonqu (ara ċertifikat a' fol 79 u xhieda tat-tabib Abela a' fol 194). Filwaqt li dan l-MRI scan ta' għonqu jekk sar, baqa' ma ġiex preżentat, id-dijanjożi tal-konsulent speċjalizzat fuq l-ispalla Mr John Casaletto datata 27 ta' Ottubru 2015 preżenti fil-file tal-isptar tal-Attur (ara Dok DVC1 a' fol 162) ma klassifikax dan l-uġigħ tal-Attur bħala sever iżda anzi bħala "***<u>Mild</u>*** *left shoulder pain*" b'"***<u>minimal symptoms</u>***" tant li ddeċieda li m'għandu bżonn l-ebda tip ta' intervent kirurġiku. Il-Konsulent Casaletto anke stqarr fir-rigward tal-attur li "*If his symptoms change or deteriorate, <u>I'll be more than happy to see him again</u>*." L-Attur iżda ma reġax żar il-

Konsulent Casaletto billi ma hemm l-ebda inkartament sussegwenti fil-file tal-isptar tal-attur. Isegwi li s-sintomi ta' uġigħ tiegħu la tbiddlu u lanqas iddeterjoraw ruħhom.

**54.** Pero' il-Qorti ma tistax tinjora li t-tabib Anthony Galea Debono sab diżabilita' ta' 2% u żied għid li "*Minkejja li m'hemmx evidenza li kellu dislokazzjoni tal-ispalla, hemm certu evidenza li sofra hsara f'dak il-gok, li kif gie rappurtat fl-anthrogram ta' l-ispalla. Din il-hsara hija l-kagun tal-ugiegh u l-problema li qieghed jilmenta dwrahom*" (a' fol 123).

**55.** Il-Qorti eżaminat ukoll l-istorja medika tal-Attur. Minnha minn imkien ma jirrisulta li kellu xi kundizzjoni anteċedent fi spalltu. Sal-ġurnata li ġiet esebita din l-istorja, ma hemm ebda entraturi oħrajn li jirrimarkaw li kellu xi inċident ieħor sussegwentement għall-inċident inkwistjoni (ara a' fol 150 sa 166). Għalhekk, kif huwa mifhum fil-kamp ċivili, din il-Qorti, fuq il-bilanċ ta' probabbilita' u preponderanza tal-provi, hija tal-fehma li din il-ħsara saret b'konsegwenza tal-inċident li ġara fil-parkeġġ.

**56.** B'dana kollu fid-dawl ta' dak li ingħad aktar 'il fuq u peress li din il-Qorti li ma temminx li din il-ħsara ser tkun ta' xi ostaklu għall-qliegħ futur tal-Attur, ser tkun qegħdha tillikwida in lineja mal-prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont totali ta' sitt elef ewro (€6000), li għandhom jitħallsu mill-konvenuti b'mod solidali bejniethom flimkien mal-ispejjes ta' din il-kawża.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara lill-konvenuti kollha responsabbli għall-inċident li seħħ fis-siegħat bikrin ta' nhar il-11 ta' Awwissu 2013 ġewwa Ta' Qali meta huma aggredew lill-Attur u xjentement, volontarjament u dolożoment ikkaġunawlu diżabilita` fis-sens kif fuq spjegat.

**Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara lill-konvenuti solidalment bejniethom bħala responsabbli għall-ħlas tad-danni.

**Tillikwida** d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont sitt elef ewro (€6,000) u dan kif spjegat aktar 'l fuq f'din is-Sentenza.

**Tikkundanna** lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali mill-lum sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża jitħallsu kollha mill-konvenuti solidalment bejniethom.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**